Kunsill Lokali Ħal Lija

# Rapport Amministrattiv

# Għas-Sena 2021

Ikkumpilat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg

PB

Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **Il-Finanzi tal-Kunsill: l-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **13** |
| **Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | |



PB

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-01 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija tul is-sena 2021. Fis-sena 2021, kompliet għaddeja l-ħidma kontinwa taħt it-tmien leġiżlatura, li lha topera mill-1 ta' Lulju 2019. Bħas-Sena 2020, is-sena 2021 ma kienetx waħda faċli minħabba ċertu sfidi li xorta baqgħet iġġib magħha l-pandemija ta' COVID19, li tista tgħid affetwat lid-dinja kollha. Pero minkejja din il-pandemija, d-dmiritjiet li għandu l-kunsill xorta baqgħu jitwetqu bl-aħjar mod professjonali possibbli, bla interruzzjonijiet, għal ġid tal-lokal.



PB

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

Il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Daniel Mallia** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjorina Lorraine Farrugia** | ***Minority Leader*** |
| **Is-Sur Joseph Zahra** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt it-tmien leġiżatura fis-sena 2021 kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Unjoni Ewropea, Immaniġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', l-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Amministrazzjoni.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Viċi Sindku Daniel Mallia**
Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivitajiet fiżiċi.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Kunsillier Calcedonio Cini**
Indafa, Infrastruttura u l-Qasam Soċjali.

***Minority Leader Lorraine* Farrugia**
L-Edukazzjoni u l-Kultura.

**Kunsillier Joseph Zahra**
Integrazzjoni Soċjali, Turiżmu Lokali u Ħarsien tal-annimali.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 inżammu tlettax-il (13) laqgħa tal-Kunsill u żewġ laqgħat (2) tal-lokalita, total ta' ħmistax-il (15) laqgħa. L-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 23 – 35 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 1 u Nru.2** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 15 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Sindku Daniel Mallia | 12 | 2 | 1 | 80 |
| 3 | Kunsillier Calcedonio Cini | 15 | - | - | 100 |
| 4 | Kunsillier Lorraine Farrugia | 14 | - | 1 | 93 |
| 5 | Kunsillier Joseph Zahra | 14 | - | 1 | 93 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, minn l-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021 tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg



PB

bl-assistenza ta' tlett impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjorina Pamela Borg** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin** | **Assistent Prinċipal** |
| **Is-Sinjura Diane Abela Penza** | **Skrivan** |

Matul is-sena 2021, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ madwar il-lokalità:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Raymond Mallia** | **RSSL** |
| **Is-Sur George Sammut** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Bjorn Borg** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Frankie Buttiġieġ** | **Engineering Resources Ltd** |
| **Is-Sur Marco Grech** | **Engineering Resources Ltd** |

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll bżonn ta' servizzi professjoni biex jigwidawh fl-operat u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Servizzi mgħottija huma kif iddettaljat hawn taħt:

**Servizz Legali** mgħoti mingħand l-avukat Dr. Martin Fenech;
**Servizz ta' Perit** mogħti mingħand il-Perit Anthony Bezzina (MED Developers, Designers and Consultants Ltd;
**Servizzi ta'** ***Accountant u Accounting technican*** mgħotija mingħand *Akkonta Services Ltd* u D*galea Consult Ltd;*
**Servizz ta' konsulentazzjoni dwar Permessi tal-Ippjanar** mgħoti minn *ADI Assocoiates Environmental Consultants Ltd*;
**Servizz ta'** ***Data Protection Officer*** mgħoti minn *Iuris Malta*;
**Servizz ta'** ***Contracts Manager*** mgħoti minn *BOOM Consultancy & Advisory services*

In-nies kollha msemmija hawn fuq huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Huwa grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem fi ħidmietu. Bħala Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill inħossni kburija naħdem ma' dawn in-nies u b'dan il-grupp ta' nies għandi sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.



PB

## 3.1 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart organiku**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ilu joffri s-servizz tal-ġbir ta'l-iskart organiku mill-31 ta' Ottubru 2018. Dan l-istess servizz ingħata fis-sena 2021 u għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. L-iskart organiku jinġabar bieb bieb kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. Dan is-servizz qatt ma ġie sospiż minkejja il-pandemija ta' Covid 19.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Is-Servizz ta' ġbir ta' l-iskart imħallat (borża sewda) jingħata kull nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt. Dan is-servizz qatt ma ġie sospiż minkejja il-pandemija ta' Covid 19.

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta. Dan is-servizz qatt ma ġie sospiż minkejja il-pandemija ta' Covid 19.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak. Tul is-sena kollha l-kunsill għamel monitraġġ fuq dan is-servizz b'reqqa għaliex mhux il-ħġieġ kollu kien qed jiġi miġbur mir-raħal. Dan is-servizz mhux dejjem ingħata kif suppost u l-kunsill iġġieled biex din l-inkonvenjenza titnaqqas lir-residenti u jidher li dan is-servizz qeleb daqsxejn għall-aħjar.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Is-Servizz tal-ġbir tal-iskart goff qed jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntatja l-Kunsill biex jagħmel appuntament għal dan is-servizz. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsill dejjem ħa ħsieb jara li l-kollettur għandu permessi validi biex ikollu aċċess għal aktar minn ċentru wieħed fejn jintrema l-iskart il-goff biex residenti jkunu dejjem mgħoqdija. Il-Kunsill anke baqa jagħmel użu mill-WEEE trolley li tinsab fil-binja tal-kunsill fejn residenti jistgħu jiddisponu minn affarijiet eletroniċi żgħar.

**Ħruġ ta' Permessi, Ħlasijiet oħra u lmenti**
Għal-sena oħra l-amministrattiv tal-kunsill dejjem għamel mill-aħjar biex jaqdi r-residenti fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' permessi għal diversi nġenji u għeluq ta' toroq. L-amministrattiv tal-kunsill beda anke jieħu taħriġ ta' sistema onlajn ta' kif jinħarġu l-permessi, li ġiet introdotta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. B'din is-sistema r-resident ser tkun aktar faċli u effiċjenti għalih biex japplika għal permess mill-kumdita ta' daru mingħajr ma jżur il-kunsill. Waqt il-ħin tal-ftuħ tal-binja amministrattiva tal-kunsill dejjem ingħata ukoll servizz effiċjenti ta' ħlasijiet oħra fosthom taċ-ċitazzjonijiet u l-kera. Ma' dawn ma tonqosx ukoll l-attenzjoni li tiġi mgħottija għal diversi lmenti u talbiet li jressqu tul is-sena r-residenti.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita'tinżamm fi stat nadif. Il-Kunsill għandu kuntratt tal-knis b'kundizzjonijiet tajbin ħafna fejn, kull triq fil-lokal qed tinkines darba jew darbtejn fil-ġimgħa skond il-bżonn neċessarju. Apparti minn hekk ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun aktar ta' spiss. Il-Kunsill ta' spiss kien f'kuntatt mal-Contracts manager biex issir moniteraġġ fuq ix-xogħol li qed jagħmel il-kuntrattur biex jiġi żgurat li qed jingħata servizz tal-knis kemm jista jkun ta' livell għoli.

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna u l-*playing fields* fil-lokalita' jinżammu fi stat tajjeb. Dan billi sar żbir tal-ħaxix kif suppost u tisbieħ b'ipplantar ta' xtieli. Il-Kunsill il-ġdid qed



PB

jaħdem anke ma' diversi entitajiet fosthom ERA u l-kuntrattur biex b'mod speċjali l-ġnien rikreattiv jinżamm fi stat tajjeb. Is-Sindku dejjem ħa ħsieb li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u anke li jkun preżenti meta jkun qed isir l-iżbir biex jara li x-xogħol isir sewwa. Is-Sindku akkwista għajnuna mingħand Parka Malta biex jingħata face lift lil Ġnien Ċentru Rikreattiv. Dawn ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni bdew u għadhom għaddejjin fi sena 2022. L-amministrazzjoni anke bdiet taħdem fuq dokumentazzjoni għal sejħiet ta' offerti ; biex jitranġa l-equipment u t-tapit tal-art tal-ġonna u kif ukoll biex fil-Ġnien Rikreattiv jkun hemm spazju għal open air gym. Fil-ġnien Rikreattiv ġie nstallat ukoll aktar dawl. Kull tip ta'tisbieħ u manutenzzjoni li l-kunsill qed jagħmel fil-ġnien qed jiprova jsir moniteraġġ fuqha bl-għajnuna tal-Pulizija biex residenti jgawdi minn ambjent sabiħ u jkun hemm vandaliżmu u kif ukoll attivitajiet suspettużi mill-inqas.

### Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn. Kien hemm każijiet fejn numru ta' toroq sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta beda xogħol biex jingħata wiċċ ġdid fi Triq il-Kbira u Triq Ramiro Barbaro. Dan ix-xogħol sfortunatement ħa daqsxejn fit-tul, beda fi Settembru 2021 u għadu għaddej fis-sena 2022. Filfatt il-kunsill kellu jħabbat rasu ma' diversi lmenti dwar dan ix-xogħol u minkejja li x-xogħol ma kienx responsabbilta tal-kunsill, il-kunsill ħa ħsieb li jagħmel moniteraġġ tax-xogħol ta' kuljum u li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u l-perit ta' IM inkarigati mix-xogħol. Apparti dan il-Kunsill talab anke lil Infrastructure Malta biex isir wiċċ ġdid għal Triq il-Kbira, Triq Ramiro Barbaro u l-isqaq li hemm fi Triq Sant Andrija.

Il-Kunsill ħa ħsieb li mal-kuntrattur u l-perit tiegħu jagħti wiċċ ġdid f'karreġjata ġdida li nfetħet riċenti, parti minn Triq Carmelo Farrugia ma' Triq Annibale Preca. Dan ix-xogħol ġie kollu kko-ordinat mill-kunsill mal-entitajiet kollha kkonċernati, fosthom IM Enemalta, WSC, GO Melita etċ pero kien hemm ftiehem ma' IM li jitħallas minn IM.

Sar ukoll aktar manutenzjoni, din id-darba ta' diversi bankini fejn kien meħtieġ. Il-Kunsill anke kompla jitħadded mal-Ministru tal-Infrastruttura u IM biex jiġi rranġat il-kumplament tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Dan ix-xogħol fis-sena 2021 kien għadu ma bedix pero għandu jibda jitwettaq fis-snin li ġejjien. Meta jitwettaq dan ix-xogħol il-kunsill ser jiprova jgħaddi l-komunikazzjoni tad-dawl u l-lettriku minn taħt l-art biex jkun hemm estetika tat-triq daqsxejn aħjar. Taħdidiet dwar din il-proposta bdew ukoll u għadhom għaddejin, għax kemm il-darba ssir xi ħaġa bħal din l-kunsill għandu bżonn għajnuna finanzjarja.

### Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq u kif ukoll saru diversi sinjali tat-traffiku fir-raħal.

### Restawr fuq Ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4

Fis-sena 2020 kien beda x-xogħol ta' restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ li baqa għaddej fis-sena 2021. Sal-aħħar tas-sena 2021 l-kunsill rrestawra l-erba biċċiet ħitan kollha li kien applika għalihom. Wara li dawn l-ħitan ġew rrestawrati, taħt l-istess miżura l-kunsill kien għadt baqalu xi fondi li jista jagħmel użu minnhom u għalhekk applika mal-entitajiet kkonċernati biex jiġi rrestawrat ħajt addizzjonali ieħor fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Ħalmann. Dan il-proġett għadhu kurrenti u jrid jitlesta sa' Ġunju tas-sena 2022.

### Sejħiet ta' Offerti

Matul is-sena l-Kunsill ħareġ sejħa waħda (1) ta' offerti (*Tenders*):



PB

- Supply and Delivery of a **Full Electric 7 Seater Brand New Van** for Ħal Lija Local Council. *(Ottubru 2021)* – B'fondi akkwistati mill-aġenzija LESA, l-kunsill iddeċieda li jixtri vann li jaħdem bl-elettriku biex ikun jista jagħti servizz ta' trasport nadif u b'xejn lill-anzjani u dawk ir-residenti vulnerabli b'ċertu bżonnijiet li huma jaf ikollhom. Sfortunament il-kunsill pero offerti ma rċeviex u din is-sejħa skedatha biex terġa toħroġ fis-sena 2022.

**Skemi u Proġetti**

Matul is-sena l-Kunsill applika għal diversi fondi b'permezz ta' skemi bit-tijr li jsiru diversi proġetti għar-residenti, l-għaqdiet u għall-benefiċċju tal-lokalita. Fost l-iskemi li l-kunsill applika għalihom insibu:

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2021 – Community Inclusive scheme**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika għal persuna fuq bażi P/T biex taġixxi bħala supervisor li tosserva l-ambjent fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u l-manutenzzjoni li tkun meħtieġa ssir. Din l-applikazzjoni ma setatx tkompli tiġi pproċessatha u l-kunsill ma baqgħax eliġġibbli għal fondi peress li sfortunatament l-listi ta' impjieg li kellha tibgħat Jobsplus tal-kandidati nteressati għal din il-pożizzjoni, ma waslux fil-ħin.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni interess Milied**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill flimkien mas-Soċjeta Sant Andrija u s-Soċjeta Mużikali San Pio X applikaw biex tingħata għajnuna finanzjarja ħalli fi Triq Sant Andrija li hija twila madwar 320 metru, jintrama Presepju Ħaj. Din l-applikazzjoni pero ma ġietx ikkunsidratha mid-Dipartiment.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2021 – Skema Attivitajiet kulturali,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Il-Kunsill applika għal fondi biex jitella l-festival taċ-Ċitru għas-sena 2021, fejn din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill kkwalifika għall-ammont ta' €5,000. Pero minħabba l-pandemija ta' COVID-19 u minħabba ċertu restrizzjonijiet, il-Kunsill ma kienx fi pożizzjoni li jtella dan il-festival kif mixtieq.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-playingfields,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Il-Kunsill applika għal finanzjament biex jiġi mibdul l-equipment u t-tapit tal-art li hemm fiż-żewġ playingfields, wieħed fil-Ġnien tal-Mirakli u l-ieħor fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill ibbenifika mis-somma ta' €16,612.53.
- **Skema- 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-komunita 'Steward' għat-trattament xieraq tal-annimali bie xjaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex,** kif ippubblikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Għal din l-iskema l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija inqagħad mal-Kunsilli ta' Ħal Balzan u Iklin u dwar din l-applikazzjoni l-kunsill għadu ma sema xejn mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali jekk mhux ser tkun aċċettatha jew le.
- **Skema Proġetti fil-Komunitajiet,** kif ippublikatha mill-Aġenzija LESA flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ssottometta applikazzjoni biex jinxtara vann tal-elettriku 7 seater biex ikun jista joffri servizz tat-trasport b'xejn lil anzjani u dawk residenti li huma l-aktar vulnerabbli b'xi qadi li huma jista jkollhom fosthom qadjiet mediċi jew appuntamenti l-isptar. Din l-applikazzjoni ġiet milqugħha minn Aġenzija LESA u l-Kunsill ibbenifika mill-ammont ta' €24,800.
- **Applikazzjoniet PA Funding** – Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ssottometta tlett applikazzjonijiet invidiwali mal-għaqdiet : ( 1) Soċjeta Sant Andrija, (2) Soċjeta Mużikali San Pio X u (3) l -Klabb tal-Futbol Lija Athlethic. Kull għaqda applikat għal finanzjament biex tagħmel manutezzjoni fuq jew ġewwa l-binja rispettiva tagħha. Il-Kunsill għażel jissieħeb mal-għaqdiet u jissottometti applikazzjoni konġunta magħhom biex jkunu jistgħu jieħdu l-finanzjament totali ta' 100% għax li kiku applikaw għal rashom dawn setgħu jieħdu



PB

biss il-finanzjament totali ta' 70%. Dawn it-tlett applikazzjoni, it-tlieta li huma ġew approvati mill-Awtorita tal-Ippjanar.

- **Skema Restawr ta' postijiet u monumenti SPI/SCI/1/2021,** kif ippubblikatha mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Bil-kunsens tal-Kappillan, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika ma' dan il-Ministeru biex isir restawr fuq il-Kappella tat-Twelid tal-Madonna, il-Madonna tal-Belliegħa li tinsab fi Triq Mabel Strickland Ħal Lija. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u x-xogħlijiet ta' restawr bdew.
- **Skema Finanzjarja 2/2021 – Servizz ta' tagħlim fil-mużika mgħottija mill-każini tal-baned fi ħdan il-Kunsilli Lokali,** kif maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond massimu ta' €2,000 biex ikun jista jiġi rimborż is-servizz ta' tagħlim fil-mużika mgħotija mill-każin tal-banda.
- **Skema Finanzjarja 3/2021 - Skema Finanzjarja għal xiri jew kiri ta' Tiżjien tal-Milied 2021,** maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €3,000 biex inkera tiżjien fil-pjazza li kkonsista minn siġra tal-Milied u armar ta' *fairy lights* fis-siġar, u kif ukoll aktar tiżjien ta' dawl li ntużaw biex iżżejnet id-dawra ta' mal-pjazza u t-toroq tal-madwar. Nkrew ukoll xi *hi-ups* biex ġie armat dan it-tiżjien kollu li tant intogħob min-nies.
- **Skema Finanzjarja 4/2021 – Xiri ta' AED Automated External Defibrillator u Taħriġ,** kif maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €2,330.50, biex jinxtara AED (Automated External DEfibrillator) ħalli tipi mwaħla fl-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill lokali. L-amministrazzjoni tal-kunsill anke ibbenifikat minn taħriġ b'xejn dwar dan l-apparat.
- **Skema Għajnuna għal tiżjien tal-Milied fil-lokalita,** kif maħruġa mill-Malta Tourism Authority (MTA). Il-Kunsill Lokali applika għal skema li din l-entita kienet qed toffri biex issir aktar armar tal-Milied u tiżjien fir-raħal. Is-Somma ta' għajnuna li applika għaliha l-kunsill kienet ta' €3,000.

Proġetti skemi li baqgħu għaddejjin tul is-sena 2021 u li kienu lhom jiġu mplementati mis-sena 2020 :

- **Miżura 4.4 Ħitan tas-sejjieħ '*Support for non-productive investments linked to achievement of agri-environment-climate objectives*'**– Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija baqa għaddej bil-ħidma kontinwa tiegħu biex jiġu rrestawrati l-ħitan tas-sejjieħ li huwa kien applika għalihom taħt miżura 4.4. Sal-aħħar tas-sena 2021 il-kuntrattur tal-kunsill kien lesta u rrestawra 4 biċċiet ħitan li jinsabu fi ; Triq il-Mitħna, Triq Ħalmann, Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u Sqaq ta' Sejduna. B'hekk il-kunsill sal-aħħar tas-sena 2021 kien fadallu jirrestawra ħajt wieħed biss li applika għalih fl-istess sena peress li kien għadt baqalu biżejjed fondi biex jagħmel dan. Dan il-ħajt jinsab fi Triq il-Mitħna kantuniera ma Triq Ħalmann.
- **LC CARE Grant Scheme** – Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kompla jibbenifika mill-fond totali ta' €8,000 biex jgħin lil *cat feeders* tar-raħal jmantnu l-qtates abbandunati f'diversi żoni. L-għajnuna lil cat feeders ingħatat l-aktar bit-tqassim tal-vouchers tal-ikel, pero uħud mill-fondi ukoll intużaw għal servizz veterinarju u inxtraw tlett kennels li tpoġġew fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv bħala shelters. Fis-sena 2021, din l-iskema ġiet magħluqha u ffinalizzatha.

**Implimentazzjoni ta' iBins fil-Lokalita**

Wara l-applikazzjoni li ssottometa il-kunsill għal underground iBins taħt l-iskema SPI/SCI/7/2020 Immaniġjar tal-iskart 'Smart Solutions', ma ġietx aċċettatha, l-kunsill beda jitħadded ma' GreenPak biex jiġu nstallati set ta' ibins normali x'imkien fir-raħal. Skond il-ligi ambjentali u l-entita ERA dawn l-ibins jridu jsiru bilfors, u skond il-popolazzjoni li għandha Ħal Lija jrid ikun hemm imqarr set wieħed installat fil-lokalita. Il-Kunsill beda jissuġġerrixi li jinstalla dawn l-iBins fi Triq Preziosi kantuniera ma' Triq il-Mosta, pero għadt m'hemmx xejn définit u Greenpak għadha trid tagħmel l-ispezzjonijiet tagħha dwar dan is-suġġerriment fil-futur, qabel ma tiġi approvatha din l-installazzjoni.



PB

**Laqgħat**

Matul din is-sena saru ħafna laqgħat u *meetings on site* ta' spiss ma' diversi entitajiet fejn waqt dawn il-laqgħat/*meetings* kemm jista jkun dejjem kien hemm preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Fost l-entitajiet ma min saru dawn il-laqgħat wieħed jista jsemmi lil kuntratturi li jagħtu servizz lil kunsill, Transport Malta, Infrastrucute Malta, Heritage Malta, Ambjent Malta, il-*Works Department,* is-Sanita, il-pulizija, LESA, l-AKL, Reġjun Ċentru, ERA, l-Awtorita tal-Ippjanar u aktar dipartimenti tal-gvern etc. L-iskop ta' wara dawn il-laqgħat/*meetings* dejjem kien biex il-kunsill iżomm rapport ta' ħidma tajjeb ma' kull entita jew dipartiment u biex possibilment jikseb kull tip ta' għajnuna u sapport għall-benefiċċju tal-lokal kollu.

**Ħarġiet**

Għal sena oħra, il-kunsill kien restritt fl-organizzazzjoni ta' diversi ħarġiet u minnħabba r-restrizzjoniet tal-pandemija COVID19 ħarġiet ma sarux.

**Applikazzjonijiet *Heritage Passport* għall-anzjani**

Fis-sena 2021 il-kunsill baqa joffri s-servizz lil anzjani fejn jgħinhom japplikaw għall-*Heritage passport* biex ikunu faċilment jistgħu jżuru diversi mużewijiet u postijiet storiċi b'xejn.

**Publikazzjoni tal-Fuljett**

Fis-sena 2021, il-kunsill kompla bil-pubblikazzjoni tal-fuljett ' Leħen il-Kunsill'. Tul is-sena 2021 dan il-fuljett ġie ppublikat darbtejn. L-ewwel edizzjoni nħarġet fi Lulju 2021 filwaqt li t-tieni edizzjoni fi Diċembru 2021. Dan il-fuljett tqassam bieb bieb mill-ħaddiema tal-kunsill madwar ir-raħal kollu fejn kien hemm feedback tajjeb mir-residenti dwaru. Fil-futur il-kunsill ser ikompli joħroġ aktar edizzjonijiet ta' dan il-fuljett.

**Jum Ħal Lija u Ġieħ Ħal Lija**

Għal sena oħra ġie ċċelebrat Jum Ħal Lija b'differenza, kkumparat ma snin preċedenti. Jum Ħal Lija ġie ċċelebrat nhar it-Tlieta 6 ta' Lulju 2021. Dakinhar fi 6:30pm saret quddiesa ta' ringrazzjament mill-kappillan tar-raħal umbagħad wara ġol-knisja stess kien hemm ċeremonja żgħira fejn l-ewwel ingħatat introduzzjoni mis-Sindku u wara kien hemm l-għotja ta' Ġieħ Ħal Lija u xi ċertifikati ta' rikonoxximent. Ġieħ Ħal Lija ngħata bix-xieraq lil Mons. Mose Borg, lis-Sur Ġużeppi Cuschieri u lis-Sur Ġużeppi Cuschieri. Huma ingħataw medalja bħala rikkonoxximent tal-ħidma kbira tagħhom u apparti minnhekk tal-imħabba li kontinwament juru lejn ir-raħal. Iċ-ċertifikati ta' rikonnixximent ingħataw lis-Sur Raymond Borg u lil grupp tat-tindif tal-knisja.

**Festival taċ-Ċitru**

Sfortunatament dan il-festival ma setax isir kif sar fi snin rikurrenti, minħabba l-pandemija ta' Covid-19 u r-restrizzjonijiet li ġabet magħha. Biex itella dan il-festival, il-kunsill ġie mitlub mid-dipartiment tas-saħħa jieħu ħafna prekawzzjonijiet li l-kunsill ma felaħx għalihom u għalhekk bi dispjaċir kbir, ma sar xejn.

**Tiżjin tar-raħal bid-dwal tal-Milied u attivitajiet tal-Milied**

Minħabba l-pandemija ta' *COVID19* l-attivitajiet kienu limitati u l-kunsill ħa l-prekawzzjoni fejn evita li jħejji attivatijiet tal-massa. Fil-granet ta' żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill żejjen bit-tiżjien u xegħel bid-dawl dekorattiv il-pjazza kollha u d-dawra tagħha (toroq tal-madwar). Fil-pjazza anke tpoġġiet *christmas tree* kbira tixgħel. Dan it-tiżjien u kif ukoll l-*christmas tree* saru bl-għajnuna tar-Reġjun Ċentru b'permezz ta' Skema Finanzjarja 3/2021 u l-għajnuna addizzjonali mingħand l-MTA.



PB

**Aktar Innovazzjonijiet**

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li :

- fuq bażi regolari jsiru *meetings* bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff biex b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-oġġettivi li hija tixtieq tilħaq u l-progress li hija tkun qed tagħmel ;
- fuq bażi ta' kuljum tiġi ppreparatha skeda ta' xogħlijiet jew manutenzzjoni fejn din umbagħad titqassam lil ħaddiema tal-kunsill biex tiġi mplementatha ;
- darba fix-xahar isiru *one-to-one meetings* mal-pulizija u LESA biex tingħata l-għajnuna neċessarja għal benessere tal-lokal bħal perżempju biex jitnaqqas ċertu vandaliżmu mil-ġonna ;
- Fuq bażi regolari saru anke meetings bejn il-kunsill u l-contracts manager biex ta' spiss jinżamm moniteraġġ fuq il-kuntratturi kollha li jagħtu servizz lil kunsill b'mod speċjali, is-servizz tal-ġbir tal-iskart, servizz tal-knis, tal-indafa fil-latrina u kif ukoll is-servizz tal-ġbir tal-ħaxix u manutenzzjoni fil-ġonna.



PB

## 3.2 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera – fejn il-ħidma tagħhom tikkonsisti fi relazzjoni tajba mar-residenti u jaraw li jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom fl-interess tar-raħal.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv - li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni tal-Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.
- Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill. Dan għandu jsir bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar.
- L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.
- L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' Gvern Lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.3 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-Uffiċċju Amministrattiv

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali u b'permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri jew direttivi li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati nregola ma' dan l-Att u kull avviż legali, proċedura jew direttiva.

### Impjegati tal-Kunsill

Matul din is-sena kien hemm żieda b'rata qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill, dan speċjalment waqt il-pandemija ta' COVID19 fejn il-kunsill baqa kemm jista jkun joffri s-servizzi kollha lir-residenti anke b'mod onlajn.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jopera l-kunsill u jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull tip ta' xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Lija, ħafna drabi jieħu ħafna ħin twil, huwa xogħol tassew moħbi, mibni, ppreparat u kif ukoll komplut mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta' kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.



PB

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għas-sena 2021. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li jaf ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport jew iddettaljati fit-tul.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku s-Sur Anthony Dalli, tas-sapport, għajnuna u l-impenn sħiħ li huwa kuljum juri kemm lili bħala Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lil kumplament tal-Impjegati l-oħra u l-ħaddiema. Nirringrazzja ukoll lil Viċi Sindku Daniel Mallia u lil kumplament tal-Kunsilliera kollha li jagħmlu parti mit-Tmien Leġislatura, tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta', sapport u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tax-xogħol li huma jiprovdu. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu grupp ta' nies determinati, responsabbli u li huma kontinwament lesti biex jistinkaw u jużaw il-kapaċitajiet tagħhom biex ikun possibbli għall-aktar snin jwettqu kull tip ta' xogħol skond kif jitlob il-bżonn tal-lokal.

**IFFIRMATA**

________________________

Pamela Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DHUL U L-INFIQ

| | 2021 | 2020 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Funds received from Central Government** | **373,951** | 335,427 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **4,093** | 1,662 |
| **General Income** | **21,860** | 10,912 |
| | **399,904** | 348,001 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(104,925)** | (97,212) |
| Operations and Maintenance | **(159,740)** | (124,927) |
| Administration and Other Expenditure | **(104,459)** | (149,110) |
| | **(369,124)** | (371,249) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **30,780** | 23,248 |



PB

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DHUL FID-DETTALL

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **309,524** | 296,148 |
| Other Government Income | **64,427** | 37,945 |
| Other Supplementary Government Income | **0** | 1,334 |
| | **373,951** | 335,945 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **4,093** | 1,662 |
| LESA Distribution to Council | **0** | 0 |
| | **4,093** | 1,662 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | **0** | 0 |
| Income from permits | **8,388** | 10,763 |
| Sundry contributions & donations | **13,020** | 0 |
| Income from Insurance Claim | **0** | 0 |
| Other Income | **452** | 149 |
| | **21,860** | 10,912 |
| **Total Revenue** | **399,904** | 348,519 |



PB

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | **2021** | **2020** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **10,736** | 10,238 |
| Executive Secretary's Salary | **28,710** | 27,417 |
| Employees' Salaries | **45,874** | 40,649 |
| Social Security Contributions | **6,605** | 5,908 |
| Councillors' Allowance | **13,000** | 13,000 |
| | **104,925** | 97,212 |

| **Operations and Maintenance** | **2021** | **2020** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Operations and maintenance includes, inter alia: | | |
| Repairs and upkeep: | | |
| Road/street pavements | **14,959** | 3,189 |
| Signs and Road Markings | **9,698** | 4,680 |
| Other Repairs and Upkeep | **24,001** | 9,323 |
| | **48,658** | 17,192 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **59,693** | 59,886 |
| Bulky Refuse Collection | **7,061** | 5,747 |
| Road and Street Cleaning | **23,224** | 23,448 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **7,293** | 5,508 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **4,374** | 7,950 |
| Street Lighting | **4,437** | 4,769 |
| Other | **5,000** | 427 |
| | **111,082** | 107,735 |
| | **159,740** | 124,927 |



PB

| **Administration and Other Expenditure** | **2021** | **2020** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **3,661** | 3,878 |
| Rent Payable | **1,300** | 269 |
| National and International Memberships and Subscriptions | **0** | 0 |
| Office Services | **6,933** | 5,341 |
| Motor Vehicles Insurance/ Licence including fuel | **121** | 182 |
| Publications / Advertising | **5,192** | 1,975 |
| Professional Services | **35,951** | 30,705 |
| Community Services & Events | **26,122** | 12,796 |
| Bank Interest and Charges | **1,308** | 895 |
| Lease Interest Cost | **262** | 1,399 |
| Provision for Losses | **0** | 6,162 |
| Depreciation | **21,154** | 83,124 |
| Insurance | **1,651** | 1,620 |
| Other Expenses | **804** | 764 |
| | **104,459** | 149,110 |



PB

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAS- SINDKU

# IKKUMPILAT MIS-SUR ANTHONY DALLI

**L-Amministrazzjoni**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija l-mekkaniżmu biex il-ħidma tkompli tirnexxi. Wara li issa għaddiet sena oħra 2021 minn din il-leġiżlatura, fejn jiena flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv komplejna nanaliżżaw il-miri li konna poġġejna quddiemna għal ġid tal-Lokalita. Komplejna nilħqu ħafna u anke eċċedejna ħafna minn dak li kien ipproġettat. Żiedna wkoll miri ġodda biex intejbu l-interess li nħoloq mir-residenti.

Komplejna naplikaw għal fondi speċjali fejn ikkwalifikajna għal bosta sejħiet li joħorgu. Irridu ngħidu li jekk ma jkunux dawn il-fondi speċjali, l-Kunsill ma jistax joħlom u jimraħ fuq proġetti li tibbenefika l-komunita'. L-Allokazzjoni finanzjarja li jingħata l-Kunsill isservi biss għal dawk id-doveri li joħorġu mill-Liġi.

Bqajna nagħmlu l-għalmu tagħna biex niksbu riżultati tajbin fl-amministrazzjoni tal-lokal tagħna. Is-Sevizzi bażiċi li joħorġu mill-Liġi tal-Gvern Lokali qed jingħataw u jilħqu livell tajjeb ħafna.

Fil-Kariga tiegħi bħala Sindku nagħmel dak kollu meħtieġ biex nissorvelja ix-xogħol kollu tal-Kunsill skont kif joħroġ mill-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

**L-Ambjent**

L-Ambjent baqa' dejjem prijorita. Ma naqasx id-dover tagħna flimkien mal-Contract Manager biex naraw li t-tindif tat-toroq jżomm l-għola livel possibbli flimkien max-xogħol kollu fil-Lokalita. Il-Latrini pubblici huma l-aktar inkwiet għal Kunsill. Nemmnu li dawn iż-żewġ latrini rrid ikun hemm id-decizzjoni li jew se niksbu għajnuna mill-Gvern Ċentrali biex jitrangaw jew jingħalqu. Ma jistax ikun li minhabba t-traskuragni ta haddieħor jeħel il-Kunsill. Hawnhekk irridu nifmhu li l-formola kif jiġu allokati l-fondi trid tinbidel biex tkopri anke il-manutenzjoni tal-aċċessorji kollha biex jaħdem dan is-servizz.

Iċ-Ċentru rekreattiv huwa l-mira tal-Kunsill biex jinżamm l-istandard neċċessarju ta' indafa u manutenzjoni kontinwa speċjalment fl-apparat li jużaw iż-żgħar taghna għal rikreazzjoni. Il-Kunsill wasal biex jiffirma kuntratt mad-Dipartiment tal-Artijiet biex il-ground 5 a-side jgħaddi għand il-Kunsill. Il-Kunsill qed jesiġi li biex jiffirma l-kuntratt irid l-ewwel il-ground jiġi fi stat tajjeb biex jintuża u minghajr periklu għal min jużah. Il-Kunsill qiegħed fi stadju avvanzat ukoll li jiżdied open air gym fin-naħa ta' ġewwa tal-kumpless. Il-Kunsill qiegħed ukoll jippjana biex jindbidlu ukoll l-appart tal-play area flimkien mas-safety flooring. Dan b'finanzjament konġunt mad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill kompla jġib aktar għajnuna biex itejjeb l-inħawi tal-Qasam tal-Gvern fi Triq Sir Ugo Mifsud.

It-Torri fi Vjal it-Trasfigurazzjoni tlesta minn restawr u dan grazzi lil-MTA.

Tlabna lil Heritage Malta biex tghin lil Kunsill janliżża l-bini tal-Mitħna li tinsab fil-kura tal-Kunsill u li sal-lum għad ma għandna l-ebda risposta.

**PROĠETTI KAPITALI**

Wara talba lil Infrastructure Malta biex isiru l-uċuh tat-toroq u servizzi ġodda beda x-xogħol fuq Triq il-Kbira u Triq Ramiro Barbaro. Vera li dan il-proġett beda imma hemm problemi kbar ta kif qed isir ix-xogħol u qed jieħu ħafna żmien.



PB

Il-Kunsill ġie fdat mimm IM biex jieħu f'idejh biex isir wiċċ ġdid u main ġdid tal-ilma, f'parti minn Triq Carmelo Farrugia taħt id-direzzjoni tal-Perit u l-kuntrattur tal-Kunsill u fi zmien 4 gimgħat sar ix-xogħol kollu u fuq standard ta' kwalita'.

Il-Kunsill kompla jagħmel iktar tiswijiet ta' toroq u bankini madwar il-lokal, aktar manutenzjoni fid-dwal tat-toroq, sinjali u tabelli u mmaniġġjar tat-traffiku.

**FONDI TAL-EU U TAL-GVERN ĊENTRALI**

Qegħdin napplikaw għal kull sejħa li toħroġ biex intejbu l-Ambjent tal-Lokalita. Bħal issa għandna f'idejna diversi applikazzjonijiet pendenti u oħrajn li ġew aggudikati fejn ikkwalifikajna ghal bosta fondi. Tajjeb li ngħidu li l-ewwel kundizzjoni hija li l-Kunsill biex japplika irid f'kundizzjoni finanzjarja tajba. Applikazzjoni waħda hija li nixtru mezz ta' trasport li ma jħammigx biex ikun mezz ta' trasport għal anzjani tagħna. Ħadna madwar EUR 24,800 u l-Kunsill johrog madwar EUR 18,000 oħra u jiġbor lura xi fondi ghal dawn l-iskemi. Sal-lum ħriġna żewġ sejħiet u ħadd ma applika biex jissupplixxi dan il-mezz ta' trasport nadif.

Applikajna ukoll biex ngħollu l-livell tal-Ambjent fil-Gnien Rekreattiv biex nibdlu bhal bankijiet, dwal, bins u pavimentar, imma l-applikazzjoni taghna ma gietx milqugħa.

Ħadna l-inkarigu ukoll biex applikajna ma Heritage Malta biex tiġi restawrata l-Kappella tal-Madonna u kellna risposta pożittiva fejn ga beda x-xoghol ta' permessi u preparazzjoni biex wara jibda x-xogħol ta' restawr.

Waslana ukoll fl-aħħar stadju tar-restawr tal-Hitan tas-sejjieħ.

**L-GHAQDIET**

Ir-Regjun Centru kien strumentali biex ksibna fondi biex nipparteċipajna ma l-Għaqdiet tar-Rahal biex isiru xi proġetti Kulturali u anke għajnuna biex jinxtara apparat edukattiv. Matul is-sena tajna għajnuna lis-Soċjeta tad-Dutrina Nisranija (Femminili), is-Socjeta Muzikali SAN PIO X u l-Ghaqda San Mikiel. Kellna għajnuna biex inżidu aktar armar għal żmien il-Milied fil qalba tar-raħal.

Minn Fondi għal Kultura ġibna fondi biex sar restawr ta' Kwadru li kien fil-Kappella tal-Belliegħa u tajna għajnuna ukoll biex jinxtara apparat elektroniku mill-Għaqda tan-nar San Mikiel ta' Ħal Lija.

Nisperaw li dawn il-fondi jibqgħu jaslu għand il-kunsill biex il-lokal jimxi aktar 'il quddiem.

**ANZJANI**

Minħabba l-pandemija ma kienx possibbli li din is-sena nagħmlu attivitajiet imma tajna għajnuna lil grupp tal-Anzjani tal-Parrocca.

**ORDNI PUBBLIKA**

Bqajna qrib l-awtoritajiet u niltaqgħu regolarment biex intejbu s-siġurta fil-lokal. Kien hemm zmien ta' ħafna nuqqasijiet fejn jidħol is-servizz tal-Gwardjani tal-Komunita. Dawn in-nuqqasijiet kienu qed joħolqu ħafna diżgwit fil-lokal tagħna.

**INNOVAZZJONI**

Bħal issa f'Ħal Lija qed isir ħafna xogħol infrastrutturali u qed niskopru ħafna xogħlijiet bħal xelters, digi tal-ilma għat-tisqija, bjar u ġibjuni. Qed nagħmlu l-almu tagħħa biex niksbu nformazzjoni digitali biex nipreservaw dan il-wirt u nżommu id-dokumentazzjoni kollha u nkabbru l-istorja tal-lokal.

Min dan ir-rapport nixtieq insllem lil ħafna residenti li jagħtuna pariri siewja biex imexxu l-lokal 'il quddiem. Nirringrazzja lil Viċi Sindku u l-kunsilliera għas-support li jagħtuni biex immexxi 'l quddiem il-



PB

Kunsill għal ġid tal-lokal. Ma jistax jonqos, li nirringrazja lis-Segreatrju Eżekuttiv tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħha biex nipprovdu servizz effiċjenti u nżommu l-istandards għoljin flimkien ma l-istaff permanti tal-Kunsill, u il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill grazzi tal-ħidma kontinwa tagħkom.



PB

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- KUNSILLIER IKKUMPILAT MIS-SUR CALCEDONIO CINI

Is-sena 2021 kienet sena li bħala Kunsill komplejna bil-ħidma għall-ġid tar-raħal u ngħid dan b'umilta' kbira, u kull min jgħix ġewwa Ħal lija dan jista jarah. Diffikultajjiet insibu imma nibqaw nistinkaw biex ngħelbuhom u taħt it-tmexxija tas-Sindku s-Sur Tony Dalli li rrid nirringrazzjah tax-xogħol kollu li jagħmel flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Ms. Pamela Borg u l-istaff kollu tal-Kunsill u rrid ngħid li jaħdmu ħafna u effiċjenti ukoll. Grazzi tax-xogħol kolu li tagħmlu. Irrid nitkellem ftit fuq dak li jien responsabbli minnu jien.

L-Indafa – L-Infrastruttura – Qasam Soċjali

**Indafa**

Nibda biex ngħid lir-raħal huwa wieħed nadif inġenerali u ta' dan ngħid grazzi lir-residenti dan jgħidulna entitajiet responsabbli li llum kulħadd jaf meta tinħareġ il-borża tal-organic, is-sewda u re-cycle. Infakkar li l-ħġieħ qed jinġabar l-ewwel Erbgħa tax-xahar. Għalhekk m'għandux ikun hemm skużi. Il-Kunsill joffri s-servizz tal-Bulky Refuse b'xejn kull ma jkun hemm bżonn u li wieħed iċempel il-Kunsill għall-appuntament. Huwa ta' sodisfazzjoni meta nara nies jużaw id-dog waste bins u jiddisponnu mill-ħmieġ tal-kelb b'hekk inkomplu nżommu aktar nadif ir-raħal għall-ġid ta' kulħadd. Żidna bins fil-pjazza tar-raħal u qegħdin fil-fażi li nimplementaw lbins għall-aktar indafa wara li nikkonkludu diskussjonijiet mal-ERA u l-Greenpak. Ghall-aktar indafa perjodikament niżbru s-siġar u naqtaw il-ħaxix ħażin mit-toroq u naddfu l-culverts ta' l-ilma tax-xita. Dawn isiru fiż-żmien adattat. Kif qed taraw il-Kunsill qed jagħmel il-parti tiegħu issa jonqos il-parti ta' kull wieħed u waħda minnha, nappella biex ma nonqsux mid-dover għall-ġid ta' kulħadd u għal Ħal Lija aktar nadifa.

**Infrastruttura**

F'dan il-qasam komplejna b'ħafna xogħol bħar-restawr u dawl ġdid tat-Torri Belvedere, il-parti ta' fuq ta' Triq Carmelo Farrugia li tmiss ma' triq Annibale Preca ngħatat it-tarmac. Fit-toroq N.Cottoner, Ħal Bordi, u tal-Mirakli sar tibdil ta' pajpijiet ta' l-ilma u lestejna ukoll il-parti ta' ħdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni (Triq il-Mitħna) bit-tarmac. Irranġajna bankini f'diversi toroq fi triq Massimilano Debon, Annibale Preca, Kardinal Ferretti u Triq il-Mitħna. Għamilna refreshing ta' yellow lines u parking bays mar-raħal kollu, u żidna parking bays ġodda u yellow lines ġodda flimkien ma' numru ta' sleeping policeman fl-area ta' senna. Għaddejin fl-aħħar fażi tal-Ħitan tas-sejjieħ ħdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni u komplejna insebbħu l-pjazza billi rranġajna d-dawl tal-globi ta' fuq iz-zuntier. L-emblema tal-Kunsill sabet posta fit-triq il-Knisja. Nixtieq ngħid kelma fuq Triq il-Kbira u Triq Ramiro Barbaro fejn dawn ħadu ħafna żmien u ħolqu inkonvenjent għal kulħadd. Bħala Kunsill li stajna għamilnieh imma fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabilita' hija ta' Infrastructure Malta mhux tal-Kunsill. L-istess ngħid għal meta jkun hemm bozzoz



PB

ma jixgħelux li jkunu fuq arbli, dawn mhux responsabbli l-Kunsill imma Enemalta. Għandha żewġ bozzoz fuq arbli li ilna nirrapurtawhom ix-xhur u sal-lum għadhom ma ġewx irranġati. L-istess il-Water Service Corporation meta nirraportaw water leakage gieli ġew war 10 t'ijiem. Għalija huwa bla sens tħalli ilma jinħela meta l-ilma huwa riżorsa prezzjuża u tant skarsa f'pajjiżna. Ħadna ħsieb id-dawl tal-Housing Estate (Globi) biex jkun hemm aktar dawl u għalhekk aktar sigurta għar-residenti. Qegħdin naraw kif insaħħu u nagħmlu aktar dawl fil-Ġnien Rkreattiv biex neliminaw l-abbużi u l-post isir aktar sigur għal kulħadd. Se nkomplu nagħmlu aktar bozzoz ġodda bħal ngħidu aħna fi Triq Sir Ugo Mifsud ħdejn il-ħanut ta' Apap Store u oħra fi Triq Karlu Darmanin kantuniera mal-Ġnien Rikreattiv. Qegħdin fil-proċess li nagħmlu 'Open Air Gym' żgħir f'parti mill-Ġnien Rikreattiv. Irridu nimplementaw issa li għadna l-permessi f'idejna z-zebra crossing fi Vjal it-Transfigurazzjoni biex kemm it-tfal u l-kbar li jridu jaqsmu din it-triq jagħmlu dan mingħajr periklu. Qegħdin f'laqgħat biex inwessaw Vjal it-Transfigurazzjoni u nirranġaw il-bankini taż-żewġ naħat dan ser nagħmluh biex il-karozzi jgħaddu aktar komdi peress li jkun hemm il-parking fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Għandna f'moħħna li nkomplu nsebbħu l-isqaqien fil-qalba tar-raħal, jekk il-fondi jippermetulna.

## Qasam Soċjali

Fil-qasam soċjali tajt l-għajnuna tiegħi lil kull min talabni kemm rigward informazzjoni u applikazzjonijiet ta' formoli. Mir-Reġjun Ċentru ġibna u qassamna sanitizers u Covid-19 masks lil kull familja. Introduċejna Free Wi-fi fil-Ġnien Ċentru Rikerattiv, fil-pjazza u ħdejn il-Kappella tal-Mirakli. Il-proġett li jmiss jekk Alla jrid hu li bħala Kunsill mixtru van għall-anzjani beix nibdew nwasslu u noffru b'xejn kuljum mit-Tnejn sas-Sibt lill-anzjani u nies vulnerabbli saċ-Ċentru tas-Saħħa, sptar jew il-bank u nerġaw inġibuhom lura. Lil għaqdiet konna ta' għajnuna billi ġibna skemi finanzjarji u ibbenifikaw minnhom il-każin Sant'Andrija, il-Każin San Piju X, il-kamra tan-Nar San Mikiel, il-każin tal-fubol Lija Athletic, l-Għaqda Fesit Eserni, il-Knisja Parrokkjali, il-Mużew tal-Bniet u tas-Subien. Fl-aħħar u mhux l-inqas irrid insemmi li f'Diċembru 2021 fuq iz-zuntier tal-knisja iltqajna u introduċejna il-Community Police Team. Dan it-team se jagħmel rondi mar-raħal kollu jien perswas li se jkompli jżidis-sigurta' u s-serħan il-moħħ fir-raħal tagħna.

## Konkulużjoni

Kif qed taraw kienet sena ta' ħidma kbira b'risq ir-raħal u ma dan wieħed irid iżid numru ta' laqgħat oħra li attendejt u diskussjonijiet oħra. Se nkomplu naħdmu b'determinazzjoni għal għan wieħed li nagħmlu Ħal Lija isbaħ u aħjar, raħal li tieħu gost tgħix fih bħala komunita' waħda.



PB

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- *KAP TAL-MINORANZA* IKKUMPILAT MIS-SINJORINA LORAINNE FARRUGIA

**Kap tal-Minoranza - Edukazzjoni u Kultura**

Għeżież residenti, iż-żmien għadda u x-xogħol tal- kunsill kompla għaddej. Il-kunsill waħdu pero' mhux biżżejjed, hemm ħafna dipartimenti u entitajiet varji li permezz tas-sehem tagħhom setgħu jsiru proġetti ġewwa r-raħal tagħna.

Nibda billi nsemmi r-Reġjun Ċentru fejn dan b'diversi modi jgħin lil kunsill tagħna billi jiprovdilu fondi, biex sebbaħna aktar ir-raħal, biex għen lil għaqdiet jkomplu jkabbru l- ħiliet tagħhom kulturali bħal ma' hu tagħlim ta' strumenti lil allievi tal-banda u jagħmlu proġetti żgħar f'diversi soċjetajiet u kif ukoll billi provda u ser jkompli jiprovdi korsijiet ġodda biex residenti jkunu jistgħu jipparteċipaw u jiżvilluppaw l-abilitajiet tagħhom f' suġġetti diversi. Ir- Reġjun Ċentru jofri wkoll skemi fejn il-kunsill jkun jista jibbenifika billi parti mir- raħal jkun jista jiġi mżejjen għall-Milied. Xi ħaġa nteressanti li tista tkun ta' għajnuna għal kull minn jżur ir-raħal tagħhna u li se jibbenifika wkoll Ħal Lija fuq fondi ta' reġjun hi l-installazzjoni ta' `Automated External Defibrillator` li jgħin biex jagħti l- ewwel għajnuna lil xi ħadd b'attakk tal- qalb. Hawn ridu noqodu attenti li apparat bħal dan nibżaw għalih u biex insibuh u nużawh f'każ ta' emerġenża.

Entita oħra li tat is-sehem tagħha biex b'mod kulturali tkompli tagħti preġju lil bini storiku tar- raħal hi l-Malta Tourism Authority. Kif jaf kulħadd it-Torri Belvedere kellu bżonn restawr estensiv u bis-saħħa ta' staff professjoni u fondi mil- MTA nistgħu ngawdu l-isbuħija tat Torri Belvedere. L- awtorita tat- Turiżmu din is- sena ser tgħin ukoll fit- tiżjien tal- Milied tat- toroq tal- lokal.

Ma' nistax ma' nsemmix l- flus li jiġu provduti direttament mil- Gvern permess ta' l- Infrastructure Malta. Hawn b'dawn l- fondi qed isiru diversi toroq u bankini. Li kieku ma' kienx għalihom żgur li mill- fondi limitati li jkollu l- kunsill dawn it-toroq ma' setgħux jiġu mantnuti jew magħmula mill- ġdid. Vera li jinħoloq inkonvenjent sakemm dawn isiru imma meta jkunu lesti joħroġ sodisfazzjon tax- xogħol li jkun sar.

Il- kunsill ibbenifika wkoll minn fondi tal- Urban Improvement Fund ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn dan seta' jkompli jgħin lill-għaqdiet. Apparti minn hekk ibbenifikajna minn fondi ta' l- Awtorita ta' l-Ippjanar bi skema `Sebbaħ il- Lokal` fejn b'hekk jkunu jistgħu jkompli jitwaħħlu fanali ornamentali fir- raħal tagħna.

Insemmi wkoll il-proġett tal- `Community Garden`. Dan il- proġett ħareġ interess għalih l- Gvern Ċentrali u l-kunsill għadda l- informazzjoni kollha u x-xogħol kollu li għamilna fuqu lil l-entita`. Għadna fuq fażi li nistennew li niġu kkuntatjati biex naraw kif dan l-proġett jista jiġi atwatt u nimxu minn hemm.

Issa li l- każijiet tal- Covid 19 qed jiġu aktar ikkontrollati bl- għajnuna tal-vaċċin u jekk dejjem jibqaw ikkontrollati l- każijiet, il- proġett kulturali ta' `Meet the Locals` għandu jibda f'Marzu 2022. Dan jkun jista



PB

jipromovi l-lokal tagħna ma' suq ta' turisti Ġermaniżi, fejn jżuru postijiet storiċi, jaraw talenti ta' wħud minn nies tal- lokal u kif ukoll ikollhom waqfiet għat-te', kafe' u l-ikel.

Għal darba oħra kelli l-opportunita' nattendi korsijiet edukattivi organizzati mill- Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dawn il- korsijiet jgħinu f' taħriġ varju ta' kif nistgħu nirrelataw meta niltaqgħu ma' każijiet diversi fil- ħajja kif ukoll kif nistgħu ngħinu residenti f' diffukultajiet relatati mal- lokal.

Ma nistax ma' nħeġġiġx lilkom ir-residenti tipparteċipaw fl- attivitajiet kollha li ser jorganizza l- kunsill lokali għaż-żmien tal-Milied kemm għall-adulti u kif ukoll l- attivita tat- tfal tat- tqassim tar- rigali fid-djar. Fuq dan il-ħsieb nixtieq nżid li kull minn jagħżel li jkun parti minn dawn l- attivitajiet jimxi fuq l- istruzzjonijiet ta' prekawzjoni tal- Covid 19 kif mogħtija mill-awtoritajiet tas-saħħa.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil kunsill, l-istaff u l-ħaddiema għal ħidma tagħhom għal lokal u nawgura lilhom u l-familja tagħhom il-festi t-tajba. Kif ukoll f' ismi u f' Isem l- familja tiegħi nawgura l-festi tal- Milied u Sena l- Ġdida mill-isbah lilkom residenti ta' Ħal Lija.








PB

Laqgħat u korsijiet li attendejt minn Lulju 2021 sa Novembru 2021

- 5 ta' Lulju - Kors livell edukattiv 7- Governanza u Strateġija
- 12 ta Lulju- Kors livell edukattiv 7- Governanza u Strateġija
- 13 ta' Lulju- Laqgħa ta' l-Awtorita tal-Ippjanar
- 19 ta' Lulju – Kors livell edukattiv 7- Governanza u Strateġija
- 26 ta' Lulju- Kors livell edukattiv 7- Governanza u Strateġija
- 4 ta' Awwissu- Inawgurazzjoni Restawr Torri Belvedere
- 5 ta' Awwissu- Preżentazzjoni tad- donazzjoni tal-fondi lil għaqda tan- nar
- 6 ta' Awwissu- Paniġirku
- 24 ta' Awwissu- Laqgħa ta' l- Awtorita ta' l-Ippjanar
- 4 ta' Settembru – Konferenza Reġjun Ċentru
- 13 ta' Settembru- Launch AKL, EU infrastructure resident first ( Xara Lodge)
- 16 ta' Settembru- Launch ta' korsijiet edukattivi u preżentazzjoni taċ- ċertifikati AKL ( Salini resort)
- 2 t' Ottubru- Elezzjoni Eżekuttiv tal- Kunsilliera
- 15 t' Ottubru – Webinar -The state of European regions and cities
- 27 t' Ottubru- Webinar AKL- Developing your leadership style
- 14 ta' Novembru- Quddies tal- mejtin u tberik tal- lapidi
- 21 ta' Novembru- Mixja Community Chest fund
- 24 ta' Novembru- Webinar- AKL- Level up residents fundamentals through education
- 2 ta' Diċembru – Webinar Cultural and Heritage
- 5 ta' Diċembru- Presentation tal-fondi tar-Reġjun lil Każin tal-banda
- 12 ta' Diċembru- Community Policing meeting fil- pjazza
- 16 ta' Diċembru- Mepa hearing ta' triq il- Forn
- 23 ta' Diċembru- Tqassim tar- Rigali bil-kostum ta' Mother Christmas



PB